

Brussell, 19 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10941/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0238(NLE)

ECOFIN 762
CADREFIN 380
UEM 229
FIN 620

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 419 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Irlanda

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 419 final.

Mehmuż: COM(2021) 419 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2021
COM(2021) 419 final

2021/0238 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Irlanda

{SWD(2021) 205 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Irlanda

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija tal-Irlanda. Fl-2019, il-prodott domestiku gross *per capita* (PDG *per capita*) tal-Irlanda kien ta' 231 % tal-medja tal-Unjoni. Minkejja l-pandemija, il-PDG reali tal-Irlanda żdied bi 3,4 % fl-2020 fuq il-bażi ta' prestazzjoni b'saħħitha ħafna mis-setturi tal-ICT u tal-farmaċewtika u, skont it-tbassir tal-Kummissjoni tas-Sajf tal-2021, huwa mistenni li jiżdied b'10,8 % b'mod kumulattiv fl-2020-2021. Aspetti fit-tul b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu djun pubbliċi u privati għoljin u obligazzjonijiet esterni netti negattivi ħafna, filwaqt li l-pandemija jista' potenzjalment ikollha impatt dejjiemi fuq id-dinamika u l-istruttura tas-suq tax-xogħol.
- (2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lill-Irlanda fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li l-Irlanda tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija, tikseb pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li żżid l-investment. Huwa rakkomanda wkoll li ttejjeb il-kosteffettività, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa tal-pajjiż. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Irlanda tappoġġa l-impjiegi permezz ta' appoġġ attiv għall-integrazzjoni u t-titjib tal-ħiliet, tindirizza r-riskju tad-distakk diġitali, inkluż fis-settur tal-edukazzjoni, iżżid l-aċċess għal indukrar tat-tfal affordabbli u ta' kwalità u żżid il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li jiġu implimentati miżuri biex jiġi żgurat aċċess għal-likwidità għadditi fil-kuntest tal-pandemija, biex il-proġetti ta' investment pubbliku jiġu antiċipati u biex jiġi promoss l-investment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Irlanda tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, it-trasport sostenibbli, u l-ilma, kif ukoll fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-infrastruttura

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17-75.

diġitali. Fl-aħħar nett, il-Kunsill irrakkomanda li l-pajjiż iwessa' l-bażi tat-taxxa, jindirizza l-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u jtejjeb l-effettività tas-superviżjoni u l-infurzar tiegħu kontra l-ħasil tal-flus fir-rigward tal-professjonisti li jipprovdu servizzi fiduċjarji jew tal-kumpaniji. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Kummissjoni ssib li r-rakkomandazzjoni dwar it-teħid, f'konformità mal-Klawsola Liberatorja Ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, tal-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru ta' wara għet implimentata bis-sħiħ. Inkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-iżguraw tal-aċċess għal-likwidità għad-ditti u l-politika relatata mal-investment dwar il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija. Fl-aħħar nett, ir-rakkomandazzjoni biex jiżdied l-aċċess għall-indukrar tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għet indirizzata b'mod ġeneralment sodisfaċenti barra l-pjan.

- (3) Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² għall-Irlanda. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Irlanda qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, b'mod partikolari relatati ma' dejn privat u pubbliku għoli u obbligazzjonijiet esterni netti, u dawn il-vulnerabbiltajiet għadhom hemm.
- (4) [Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro r-rakkomandat lill-Istati Membri taż-żona tal-euro biex jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, biex, fost l-oħrajn, jiżguraw pożizzjoni ta' politika li tappoġġa l-irkupru u biex ikomplu jtejjbu l-konverġenza, ir-reżiljenza u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill irrakkomandat ukoll li jissaħħu l-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, li tiġi żgurata l-istabbiltà makrofinanzjarja u li tiġi kkompletata l-Unjoni Ekonomika u Monetarja u jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro.] [Jekk ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ma tiġix adottata sal-mument tal-adozzjoni tas-CID jekk jogħġbok neħħi l-premessa].
- (5) Fit-28 ta' Mejju 2021, l-Irlanda ppreżentat il-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Dik is-sottomissjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sjieda nazzjonali tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza qed tiffed l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u l-impatt dejjiemi tagħhom fil-livell nazzjonali u l-kredibbiltà fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-Anness V ta' dak ir-Regolament.
- (6) Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jenħtieġ li jsegwu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/241 u tal-Istrument tal-UE għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094³ sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Huma jenħtieġ li

² Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tas-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 23.).

jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastru msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (7) L-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri se tikkostitwixxi sforz ikkoordinat ta' investiment u riformi madwar l-Unjoni. Permezz tal-implimentazzjoni kkoordinata u simultanja ta' dawn ir-riformi u l-investimenti u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera, dawn ir-riformi u investimenti se jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi madwar l-Unjoni kollha. Għalhekk, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Istati Membri se jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastru

- (8) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a) u t-Taqsima 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jirrappreżenta fil-bieċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastru kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi u l-allokkazzjoni finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat.
- (9) Il-pjan jinkludi miżuri li jikkontribwixxu għas-sitt pilastru kollha, bil-komponenti kollha tal-pjan jindirizzaw diversi pilastru. Approċċ bħal dan jikkontribwixxi biex jiġi żgurat li kull pilastru jiġi indirizzat b'mod komprensiv b'mod koerenti. Barra minn hekk, minħabba l-isfidi speċifiċi tal-Irlanda, l-enfasi partikolari fuq it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, flimkien mal-ponderazzjoni globali bejn il-pilastru, hija meqjusa adegwata.
- (10) Il-pjan jiffoka b'mod qawwi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika b'miżuri relatati mal-enerġija u l-klima. Dawk il-miżuri jinkludu żieda fit-taxxa fuq il-karbonju u r-riforma tal-governanza klimatika, il-promozzjoni tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-intrapriża, il-promozzjoni tat-trasport ferrovjarju sostenibbli, ir-riabilitazzjoni tat-torbieri, it-titjib tat-trattament tal-ilma u l-promozzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp ekoloġiċi. Il-pjan jikkontribwixxi wkoll għat-trasformazzjoni diġitali, b'enfasi fuq il-konnettività u d-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku. Id-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji, prinċipalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), hija appoġġata permezz ta' miżuri li mistennija jżidu wkoll il-produttività u l-kompetittività tagħhom. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiffoka speċifikament fuq it-tiżni tal-ħiliet diġitali fl-iskejjel u lil hinn minnhom, sabiex jitnaqqas id-distakk diġitali.
- (11) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-pilastru dwar it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Diversi miżuri, bħall-appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini li tirrikjedi ħafna ħaddiema jew appoġġ attiv għall-integrazzjoni u programmi ta' titjib tal-ħiliet jiffukaw fuq il-koeżjoni ekonomika, l-impjiegi, il-produttività u l-kompetittività. In-National Grand Challenge Programme għandu l-għan li jiffaċilita t-twettiq ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jappoġġa l-applikazzjoni tat-test tal-SMEs, li għandu l-potenzjal li jnaqqas l-ostakli regolatorji għall-attività kummerċjali tal-SMEs. Ir-riformi u l-investimenti bħal dawk li għandhom l-għan li jtejbu l-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, li jissimplifikaw u jarmonizzaw ix-xenarju tal-pensjoni supplimentari, jew li jappoġġaw il-kapaċità edukattiva fl-universitajiet teknoloġiċi reġjonali huma mistennija li jikkontribwixxu direttament għall-koeżjoni

soċjali u territorjali. Is-sistema tal-kura tas-saħħa, kif ukoll ir-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali huma mistennija li jiġu msaħħa minn sett ta' riformi u investimenti, bħall-iskjerament tal-ispiżerija elettronika u sistema ta' ġestjoni finanzjarja integrata fil-qasam tal-kura tas-saħħa, appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs, u t-tisħiħ tal-qafas Irlandiż kontra l-ħasil tal-flus. Fl-aħħar nett, il-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li jgħinu lill-ġenerazzjonijiet li jmiss jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa u jappoġġaw liż-żgħażaġħ biex jiksbu jew jerġgħu jiksbu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b) u t-Taqsima 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (13) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-ambitu tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Irlanda, minkejja l-fatt li l-Irlanda ġeneralment wieġbet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li l-ekonomija tiġi appoġġata permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u fl-2021, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Klawżola Liberatorja Ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjoni biex jintlaħaq l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2020 ma għadhiex rilevanti, kemm minħabba l-iskadenza tal-perjodu baġitarju korrispondenti kif ukoll minħabba l-attivazzjoni f'Marzu 2020 tal-Klawżola Liberatorja Ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fil-kuntest tal-kriżi tal-pandemija.
- (14) Il-pjan jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Irlanda mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020, jew subsett sinifikanti tagħhom, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tat-tranżizzjoni ekoloġika u l-azzjoni klimatika, it-trasport pubbliku sostenibbli, l-ilma, l-infrastruttura diġitali, id-diviżjoni diġitali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-antiċipazzjoni tal-investment pubbliku, il-promozzjoni tal-investment privat, l-impjiegi permezz ta' appoġġ attiv u għall-integrazzjoni u titjib tal-ħiliet, l-ostakli regolatorji għall-intraprenditorija, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, l-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, il-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa.
- (15) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jpoġġi enfasi sinifikanti fuq it-tranżizzjoni ekoloġika. Il-miżuri jinkludu investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'bini privat u pubbliku, id-dekarbonizzazzjoni tal-intrapriżi, it-trasport ferrovjarju sostenibbli, ir-riċerka u l-iżvilupp ekoloġiċi, ir-riabilitazzjoni tat-torbieri u t-titjib tat-trattament tal-ilma mormi. L-implimentazzjoni tal-Abbozz ta' Liġi tal-2021 dwar l-Azzjoni Klimatika u l-Iżvilupp b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju (Emenda) u r-riforma tat-taxxa fuq il-karbonju huma mistennija li jinċentivaw l-antiċipazzjoni ta' investimenti ekoloġiċi u jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika.
- (16) Fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali, l-ewwel nett, il-pjan jinkludi investimenti f'infrastrutturi diġitali. B'mod aktar speċifiku, il-bini ta' pjattaforma li tista'

tipproċessa d-*data* bl-inqas dewmien possibbli u qrib tal-utent, l-iżvilupp ta' ċentru tad-*data* tal-Gvern kondiviż, l-għażla ta' rispons għaċ-ċensiment online u s-sett ta' proġetti tas-saħħa elettronika jiffokaw l-investimenti fuq it-tranżizzjoni diġitali u b'mod partikolari fuq infrastrutturi diġitali li jistgħu jkomplu jixprunaw it-trasformazzjoni diġitali fis-settur pubbliku. It-tieni, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni wkoll li jindirizza r-riskju ta' distakk diġitali, inkluż fis-settur tal-edukazzjoni. Il-programm biex jiġu pprovduti infrastruttura diġitali u finanzjament lill-iskejjel għandu l-għan li jgħammar lill-istudenti b'ħiliet diġitali u jiżgura li l-istudenti jkollhom aċċess ugwali għal infrastruttura diġitali xierqa. Barra minn hekk, il-miżuri ta' riforma jiffukaw fuq l-iżvilupp strateġiku tal-ħiliet diġitali fis-sistema edukattiva u tat-taħriġ ulterjuri kollha sabiex l-istudenti kollha jiżviluppaw ħiliet fundamentali jew avvanzati biex ikunu jistgħu jieħdu sehem fl-ekonomija diġitali.

- (17) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-antiċipazzjoni ta' proġetti ta' investiment pubbliku maturi, il-promozzjoni tal-investiment privat u l-użu ta' strumenti ta' finanzjament dirett biex jiġu stimolati r-riċerka u l-innovazzjoni. L-investiment pubbliku huwa mistenni li jiġi promoss permezz tal-modifika retroattiva ta' bini pubbliku magħżul u x-xogħol li jippermetti l-eletrifikazzjoni futura tal-ferrovija pendolari ta' Cork. Huwa mistenni li jiġi stimulat investiment privat permezz ta' strument finanzjarju mmirat lejn ir-rinnovazzjonijiet tad-djar, kif ukoll il-fond għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-intrapriża u l-programm biex tiġi xprunata t-trasformazzjoni diġitali tan-negozji b'enfasi partikolari fuq l-SMEs. Il-finanzjament ipprovdut permezz tan-National Grand Challenge Programme huwa mistenni li jstimula r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-pjan huwa mistenni wkoll li jinkludi l-istabbiliment ta' erba' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej.
- (18) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jappoġġa l-impjiegi permezz ta' appoġġ attiv għall-integrazzjoni u t-titjib tal-ħiliet billi jipprovdri kollokament f'impjieg u opportunitajiet ta' taħriġ, b'enfasi partikolari fuq il-ħiliet u s-setturi ekoloġiċi u diġitali.
- (19) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jfittex ukoll li jnaqqas l-ostakli regolatorji bla bżonn li jiffaċċaw l-SMEs meta jistabbilixxu u jkabbru n-negozju tagħhom billi jkompli japplika l-hekk imsejjaħ test tal-SMEs meta titħejja leġiżlazzjoni ġdida.
- (20) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jindirizza parzjalment l-isfidi għas-superviżjoni u l-infurzar effettivi tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus fir-rigward tal-fornituri tas-servizzi fiduċjarji jew tal-kumpaniji. Il-pubblikazzjoni ta' valutazzjoni tar-riskju settorjali tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jew tal-kumpaniji u għadd akbar ta' spezzjonijiet għandhom il-potenzjal li jtejbu l-fehim tal-esponiment għar-riskju ta' dawn il-professionisti u jsaħħu s-superviżjoni tagħhom. Barra minn hekk, leġiżlazzjoni ġdida li toperazzjonalizza kwalunkwe rakkomandazzjoni minn grupp ta' ħidma li jirrieżamina l-kaxxa tal-għodda tal-infurzar regolatorju tista' twassal għal infurzar aħjar billi tespandi l-għodod regolatorji biex jinkludu reġim ta' sanzjonijiet finanzjarji amministrattivi.
- (21) Ir-riformi stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huma mistennija li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati parzjalment il-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. B'mod partikolari, il-miżuri leġiżlattivi, inklużi dawk dwar it-taxxi minn ras il-għajn jew in-non-deduċibbiltà, li japplikaw għal pagamenti 'l barra lejn il-ġuriżdizzjonijiet fuq il-lista s-sewda tal-UE u dawk l-oħra

kollha b'taxxa żero u mingħajr taxxa huma mistennija li jillimitaw il-possibbiltà li l-pagamenti ħerġin ma jiġux intaxxati.

- (22) Il-pjan huwa mistenni jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet ta' riforma tal-pensjonijiet, billi jissimplifika u jarmonizza x-xenarju tal-pensjonijiet addizzjonali.
- (23) Il-pjan jinkludi wkoll miżura ta' riforma li għandha l-għan li żżid il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli. Din il-miżura hija mistennija li tiġi kkomplementata minn investimenti ffinanzjati mill-baġit nazzjonali biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet eżistenti fl-akkomodazzjoni soċjali, inkluż għal dawk l-aktar vulnerabbli.
- (24) Il-kosteffettività, l-aċċessibbiltà, u r-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa huma mistennija wkoll li jiġu indirizzati mill-pjan. Miżura ta' riforma jenħtieġ li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' Sláintecare, inizjattiva ewlenija u fit-tul ta' riforma tas-saħħa domestika, li għandha l-għan li tikseb sistema universali moderna tal-kura tas-saħħa b'livell wieħed fejn kulħadd ikollu aċċess ugwali għal servizzi bbażati fuq il-ħtieġa, u mhux fuq il-kapaċità li jħallas.
- (25) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jindirizzax direttament l-aċċess għall-indukrar tat-tfal affordabbli u ta' kwalità peress li dan diġà ġie indirizzat b'mod ġeneralment sodisfaċenti minn varjetà ta' azzjonijiet meħuda mill-gvern barra l-pjan.
- (26) Billi jindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jikkontribwixxi wkoll biex jikkoreġi l-iżbilanċi⁴ li qed tesperjenza l-Irlanda, b'mod partikolari fir-rigward ta' obligazzjonijiet esterni netti kbar, dejn privat u pubbliku.

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (27) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c) u t-Taqsima 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jkollu impatt għoli (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Istat Membru, u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fi ħdan l-Unjoni.
- (28) Simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-pjan għandu l-potenzjal li jżid il-PDG tal-Irlanda b'bejn 0,3 % u 0,5 % sal-2026⁵ b'effetti konsegwenzjali li jammontaw għal parti kbira minn dan l-impatt. L-investimenti u l-politiki għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u l-appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-intrapriża huma mistennija li jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi u għall-avanz tat-tranżizzjoni ekoloġika. L-investimenti u l-politiki biex tiġi aċċellerata d-diġitalizzazzjoni kif ukoll ir-riformi fl-oqsma soċjali, tal-edukazzjoni u tan-negozju

⁴ Dawn l-iżbilanċi makroekonomiċi jirreferu għar-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019 u fl-2020.

⁵ Simulazzjonijiet bħal dawn jirriflettu l-impatt ġenerali tal-NGEU, li jinkludi wkoll finanzjament għal ReactEU, u aktar finanzjament għal Orizzont Ewropa, InvestEU, JTF, Żvilupp Rurali u RescEU. Simulazzjonijiet bħal dawn ma jinkludux l-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali, li jista' jkun sostanzjali.

huma mistennija li jtejbu l-produttività fuq perjodi ta' żmien differenti, joħlqu l-impjegi u jinkoraġġixxu t-tkabbir tal-impjegi.

- (29) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih firxa ta' miżuri li huma mistennija li jsaħħu l-koeżjoni soċjali billi jappoġġaw l-impjegi, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' opportunitajiet ta' kollokament f'impjeg, kisba ta' ħiliet akbar u ta' ħiliet ġodda, kif ukoll investimenti fl-edukazzjoni. Ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjan huma mistennija li jindirizzaw ir-riskji ta' distakk diġitali kemm għal dawk li għandhom impjeg kif ukoll għal dawk qiegħda u l-istudenti. Barra minn hekk, sett ta' riformi għandu l-potenzjal li jikkontribwixxu biex tiġi indirizzata l-ħtieġa kbira għal akkomodazzjoni soċjali u affordabbli u jgħin biex jiġi żgurat aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli ta' kwalità tajba, u b'hekk tissaħħa ir-reżiljenza soċjali. Dawn il-miżuri huma mistennija li jgħinu fit-twettiq tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
- (30) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih miżuri b'enfasi fuq iż-żgħażaġh. Ir-riformi u l-investimenti fil-pjan huma mistennija jindirizzaw ir-riskju ta' distakk diġitali u jadottaw approċċ strateġiku għall-ħiliet diġitali fis-sistema edukattiva u ta' taħriġ kollha. Il-Fond għat-Trasformazzjoni tal-Universitajiet Teknoloġiċi huwa mistenni li jappoġġa l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ stabbiliti reġjonalment, li jistgħu jgħinu biex itejbu l-ħiliet taż-żgħażaġh u jindirizzaw id-disparitajiet reġjonali. Fl-aħħar nett, iż-żgħażaġh qiegħda jissemmew bħala grupp fil-mira li jibbenefika mill-miżuri ta' kisba ta' ħiliet u ta' titjib tal-ħiliet fil-pjan.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (31) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d) u t-Taqsima 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni tar-riformi u tal-proġetti ta' investiment inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ (il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti").
- (32) F'konformità mal-gwida teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" adottata mill-Kummissjoni (2021/C 58/01), l-Irlanda pprovdiet ġustifikazzjoni li l-pjan tagħha huwa mistenni li ma jagħmel l-ebda ħsara sinifikanti lil xi objettiv ambjentali. Dan huwa l-każ b'mod partikolari għall-miżura relatata mal-effiċjenza enerġetika f'bini privat. Dan huwa wkoll il-każ għall-miżura dwar it-trasport ferrovjarju sostenibbli, li għandha tippermetti l-elettrifikazzjoni futura tal-linja.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (33) Skont l-Artikolu 19(3), il-punt (e) u t-Taqsima 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih miżuri li fil-biċċa l-kbira jikkontribwixxu (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jilħqu ammont li jirrappreżenta 42 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan ikkalkulat skont il-metodoloġija tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u

⁶ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

r-reżiljenza huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima għall-2021-2030.

- (34) Parti sinifikanti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija relatata mat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-pjan fih miżuri mmirati lejn iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika tal-bini residenzjali u pubbliku, u l-industrija. Il-pjan jinkludi investiment sinifikanti fis-settur tat-trasport, li huwa t-tieni l-akbar kontributor fl-Irlanda għall-emissjonijiet minn setturi mhux koperti mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. Il-pjan jinkludi żewġ riformi li huma mistennija jappoġġaw u jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika fl-Irlanda. L-abbozz ta' Liġi tal-2021 dwar l-Azzjoni Klimatika u l-Iżvilupp b'Livell Baxx ta' Karbonju (emenda) huwa mistenni li jixpruna t-tranżizzjoni tal-Irlanda lejn ekonomija newtrali għall-klima sal-2050. Ir-riforma l-oħra tistabbilixxi żidiet annwali suċċessivi fir-rata tat-taxxa fuq il-karbonju, b'EUR 7,50 fis-sena, fuq trajettorja li twassal għal rata ta' EUR 100 għal kull tunnellata ta' emissjonijiet ta' CO2 fl-2030.
- (35) L-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni huwa mistenni li jikkomplementa l-investimenti u r-riformi sinifikanti meħtieġa biex l-Irlanda tilħaq il-miri tagħha għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra. In-National Grand Challenge Programme huwa mistenni li jipprovdi investiment għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni permezz ta' tliet ċikli ta' għażla tal-proġetti dwar temi bħall-klima u d-diġitali.
- (36) It-titjib tal-bijodiversità mistenni jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Ir-riabilitazzjoni tat-torbieri hija mistennija li tippromwovi l-bijodiversità u l-ekosistemi, it-titjib fil-kwalità tal-ilma, iż-żieda fil-ħżin tal-karbonju u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karbonju. Il-pjan jinvesti wkoll fl-iżvilupp u t-titjib ta' impjanti iżgħar tat-trattament tal-ilma mormi madwar l-Irlanda, u b'hekk jikkontribwixxi għall-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u r-riżorsi tal-baħar, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis. Din il-miżura mistennija tikkontribwixxi wkoll għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (37) Skont l-Artikolu 19(3), il-punt (f) u t-Taqsim 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih miżuri li fil-biċċa l-kbira jikkontribwixxu (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jilhqqu ammont li jirrappreżenta 32 % tal-allokkazzjoni totali tal-pjan ikkalkulata skont il-metodoloġija tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (38) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza Irlandiż għandu enfasi qawwija fuq it-tranżizzjoni diġitali u l-indirizzar tal-isfidi relatati b'komponent iddedikat għalkollox għat-trasformazzjoni diġitali ta' diversi setturi u għall-indirizzar tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż li jirriżultaw mit-tranżizzjoni diġitali. Diversi miżuri għandhom l-għan li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali billi jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi, jindirizzaw ir-riskju tad-distakk diġitali, inkluż fis-settur tal-edukazzjoni, isaħħu l-ħiliet diġitali, u jappoġġaw l-iżvilupp tal-infrastruttura diġitali u t-twassil ta' servizzi pubbliċi diġitali.
- (39) Għalhekk, il-miżuri relatati mat-tranżizzjoni diġitali, jew mal-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha, huma prominenti fil-pjan Irlandiż. Dawn mistennija jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali ta' diversi setturi ekonomiċi u soċjali u għall-indirizzar tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż li jirriżultaw mit-tranżizzjoni diġitali.

Impatt dejjiemi

- (40) Skont l-Artikolu 19(3), il-punt (g) u t-Taqsima 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi fuq l-Irlanda fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A).
- (41) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fih bidliet strutturali fil-politiki rilevanti u fl-amministrazzjoni u fl-istituzzjonijiet. Ir-riformi li jirrikjedu l-adozzjoni ta' baġits settorjali għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-mira tal-2030 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 u li jintroduċu żidiet annwali suċċessivi fir-rata tat-taxxa fuq il-karbonju huma mistennija li jixprunaw it-tranżizzjoni ekoloġika. Ir-riformi li għandhom l-għan li jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni Irlandiża huma mistennija li jkollhom impatt dejjiemi fuq il-ħiliet diġitali u jindirizzaw ir-riskju ta' distakk diġitali. Il-kapaċità msaħħa tal-universitajiet teknoloġiċi biex jipprovdu edukazzjoni u programmi ta' taħriġ ta' kwalità hija mistennija li tgħin biex jiġu indirizzati d-disparitajiet ekonomiċi reġjonali fl-Irlanda, u ssaħħa it-tkabbir inklużiv u l-koeżjoni soċjali. Riformi oħra li mistennija jkollhom impatt dejjiemi fuq l-ekonomija u s-sistema soċjali tal-Irlanda jinkludu l-applikazzjoni tat-test tal-SMEs li huwa mistenni li jgħin biex jitnaqqsu l-ostakli regolatorji għall-intraprenditorija, it-tiħ tas-superviżjoni u l-infurzar tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus, riformi li huma mistennija jindirizzaw il-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jistgħu jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, riformi li huma mistennija li jżidu l-forniment ta' akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, u riformi li huma mistennija li jtejbu l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa.
- (42) Fil-qasam tal-investment, il-miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-impjegabbiltà u l-ħiliet huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv fit-tul. L-amministrazzjoni pubblika u l-kura tas-saħħa huma mistennija li jissaħħu permezz ta' investimenti fid-diġitalizzazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, ħafna mill-investimenti fil-pjan huma mistennija li jkollhom impatt dejjiemi billi jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali fl-Irlanda. L-impatt dejjiemi tal-pjan jista' jissaħħa ukoll permezz ta' sinerġiji bejn il-pjan u programmi oħra ffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali u jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (43) Skont l-Artikolu 19(3), il-punt (h) u t-Taqsima 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (44) Ir-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-pjan hija tal-Gvern Irlandiż, filwaqt li għal kull miżura Dipartiment tal-Gvern jew korp ieħor huwa maħtur bħala responsabbli. Korp ta' Implimentazzjoni maħluq ġdid fid-Dipartiment tan-Nefqa Pubblika u r-Riforma se jingħata l-kompitu tal-monitoraġġ u l-ġestjoni strateġiċi ġenerali tal-pjan kif ukoll il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet Irlandiżi.
- (45) L-istadji importanti u l-miri huma ċari u realistiċi u l-indikaturi proposti għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. L-istadji importanti u l-miri jikkostitwixxu sistema xierqa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan. Il-mekkaniżmi ta' verifika, il-ġbir tad-*data* u r-responsabbiltajiet deskritti mill-Irlanda huma robusti biżżejjed biex jiġġustifikaw b'mod adegwat it-talbiet għal żborż ladarba l-istadji importanti u l-miri jiġu vvalutati bħala kkompletati.

- (46) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilita jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformita mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjan tagħhom.

Ikkostjar

- (47) Skont l-Artikolu 19(3), il-punt (i) u t-Taqsima 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fil-pjan dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija, sa ċertu punt medju (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (48) L-Irlanda pprovdiet dokumenti biex tigustifika u tispjega l-ammonti proposti u tat spjegazzjonijiet dwar kif ġew ikkalkulati dawk l-ammonti. Il-kost totali stmat tal-pjan huwa konformi man-natura u t-tip tar-riformi u l-investimenti previsti. Il-valutazzjoni tal-istimi turi li l-kostijiet huma vvalutati bħala raġonevoli u plawżibbli. Madankollu, il-livell ta' dettalji u c-ċarezza tal-informazzjoni pprovduta ma kinux omoġenji fil-pjan kollu. Barra minn hekk, sehem mill-kostijiet ġie vvalutat bħala raġonevoli u plawżibbli biss sa ċertu punt medju. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji

- (49) Skont l-Artikolu 19(3), il-punt (j) u t-Taqsima 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju minn dak ir-Regolament u minn programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurzaw il-konformita mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-finanzi tal-Unjoni f'konformita mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.
- (50) Il-pjan huwa akkumpanjat minn miżuri ta' implimentazzjoni sodisfaċenti. Id-dipartimenti rilevanti u korpi oħra huma responsabbli għall-implimentazzjoni, it-twettiq u r-rappurtar dwar l-investment individwali u l-impjenji ta' riforma fil-pjan fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom. Il-korp ta' Implimentazzjoni għall-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza se jkun responsabbli għall-monitoraġġ strateġiku u l-ġestjoni tal-pjan. Kumitat ta' Kunsinna, li fih huma rappreżentati d-Dipartimenti u l-korpi l-oħra kollha responsabbli kif ukoll il-Korp ta' Implimentazzjoni, se jżomm sorveljanza kontinwa fuq l-implimentazzjoni tal-pjan. B'mod ġenerali, is-sistema tippreżenta proċess u struttura robusti, fejn ir-rwoli u r-responsabbiltajiet huma definiti b'mod ċar u l-funzjonijiet ta' kontroll rilevanti huma segregati b'mod xieraq. L-Irlanda jenħtieġ li tipprovi d-dettalji meħtieġa biex tiżgura li l-atturi responsabbli għall-kontrolli jkollhom il-kapaċita amministrattiva li jeżerċitaw ir-rwoli u l-kompiti

⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalita għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.)

tagħhom. Stadju importanti ddedikat jenħtieġ li jiżgura li l-Kummissjoni tiġi pprovduta b'analiżi tal-ammont ta' xogħol fuq il-korp tal-awditjar u l-Korp Implimentattiv sa meta jkun hemm l-ewwel talba għal h̄las. L-analiżi jenħtieġ li tipprovdri informazzjoni adegwata f'termini ta' ħtiġijiet ta' kapaċità amministrattiva bil-h̄sieb li dawn jintlaħqu fil-h̄in, inkluż billi jiġi żviluppat sett ta' rakkomandazzjonijiet biex tiġi indirizzata l-kapaċità insuffiċjenti fejn meħtieġ. Abbażi tal-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet, jenħtieġ li jiġu allokati r-riżorsi meħtieġa għall-istituzzjonijiet involuti.

- (51) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Irlanda tippreżenta proċess u struttura sodisfaċenti, fejn ir-rwoli u r-responsabbiltajiet huma definiti b'mod ċar u l-funzjonijiet ta' kontroll rilevanti huma segregati b'mod xieraq. Il-miżuri proposti jagħtu assigurazzjoni suffiċjenti li hemm livell adegwat ta' kontroll għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-irregolaritajiet identifikati meta jintużaw il-fondi previsti fir-Regolament (UE) 2021/241. Jenħtieġ li jinħoloq mekkaniżmu ta' rapportar dwar is-Sistema tal-Infurmazzjoni tal-RRF biex jiġi żgurat li d-*data* tar-riċevituri finali, inklużi s-sidien benefiċjarji kollha f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament RRF, tiġi rreġistrata b'mod adegwat biex jiġi ddikjarat in-nuqqas ta' kunflitt ta' interess għad-Dipartimenti u korpi oħra responsabbli. Skont l-Artikolu 20(5), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2021/241, l-Irlanda jenħtieġ li timplimenta s-Sistema tal-Infurmazzjoni tal-RRF sabiex tikkonforma mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament, u tikkonferma l-istatus tal-implimentazzjoni tagħha mal-ewwel talba għall-h̄las. Jenħtieġ li jsir rapport tal-awditjar dedikat dwar is-sistema. Dan jenħtieġ li jikkonferma l-funzjonalitajiet tas-sistema tar-repożitorju u, b'mod partikolari, ir-reġistrazzjoni u l-h̄zin tad-*data* rilevanti kollha relatata mal-implimentazzjoni tal-pjan ta' rkupru, inkluż il-kisba tal-istadji importanti u l-miri, id-*data* dwar il-benefiċjarji, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u s-sidien benefiċjarji rispettivi tagħhom. Ir-rapport jenħtieġ li janalizza kwalunkwe dgħufija relatata misjuba u azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati. Stadju importanti speċifiku jenħtieġ li jiżgura l-ħolqien, qabel ma tiġi ppreżentata l-ewwel talba għall-pagament, ta' sistema repożitorja għar-reġistrazzjoni, il-h̄zin u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tad-*data* rilevanti kollha relatata mal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
- (52) L-iżborżi huma kundizzjonali fuq it-twettiq tal-istadji importanti msemmija fil-premessi 50 sa 51 hawn fuq.

Koerenza tal-pjan

- (53) Skont l-Artikolu 19(3), il-punt (k) u t-Taqsima 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan jinkludi sa grad għoli (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (54) Il-pjan jirrifletti bilanċ adegwat bejn ir-riformi u l-investimenti fid-dawl tal-isfidi ewlenin li jridu jiġu indirizzati, u bejn l-investimenti f'territorji differenti. It-tliet komponenti tal-pjan isegwu għanijiet komplementari, allinjati mal-isforzi usa' ta' rkupru tal-gvern Irlandiż. Eżempju huwa t-tielet komponent dwar l-irkupru soċjali u tal-ekonomija u l-ħolqien tal-impjegi, li jinkludi miżuri li huma mistennija li jappoġġaw l-iżvilupp ta' h̄iliet ekoloġiċi u diġitali fil-forza tax-xogħol. Fl-istess h̄in, il-miżuri f'kull wieħed mill-komponenti individwali jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Pereżempju, fit-tieni komponent dwar it-tranżizzjoni diġitali, l-investimenti fil-konnettività tal-broadband u fl-infrastruttura tal-ICT għall-iskejjel huma msaħħa minn

miżuri ta' riforma li għandhom l-għan li jsaħħu l-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali b' mod ġenerali.

L-ugwaljanza

- (55) Il-pjan fih miżuri li huma mistennija li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-pajjiż fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. B' mod partikolari, il-pjan jiddikjara li l-miżuri li jikkonsistu fl-għoti ta' esperjenza ta' xogħol, opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet jew ta' kisba ta' ħiliet ġodda speċifikament għandhom l-għan li jappoġġaw lill-ħaddiema l-aktar milquta mill-pandemija, li affettwat lin-nisa b' mod sproporzjonat. Dawn il-miżuri huma mistennija li jkunu rilevanti għall-pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241, b' mod partikolari billi jappoġġaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol permezz tal-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi u diġitali. Il-pjan jirreferi wkoll għal-livelli ta' impjieg diżaggregati skont il-ġeneru u l-età kif ukoll għad-diskrepanza fl-impjieg bejn il-ġeneri bħala metrika ewlenija li għandha tintuża fil-livell nazzjonali biex jitkejlu l-isforzi ta' rkupru tal-Irlanda, inkluż il-kontribut tal-pjan.

Awtovallutazzjoni tas-sigurtà

- (56) Ma ġietx ipprovduta awtovallutazzjoni tas-sigurtà peress li ma tqisitx xierqa mill-Irlanda, f'konformità mal-Artikolu 18(4), il-punt (g) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Proġetti transfruntiera u għal diversi pajjiżi

- (57) L-Irlanda inkludiet proġett wieħed għal diversi pajjiżi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha biex tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji fl-Irlanda, b' mod partikolari tal-SMEs. Biex jindirizza d-diġitalizzazzjoni żbilanċjata fost il-kumpaniji, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi programm li jixpruna t-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji, b' mod partikolari l-SMEs, fis-setturi kollha fl-Irlanda. It-tranżizzjoni diġitali tal-intrapriża Irlandiża permezz ta' dan il-programm hija mistennija li tkompli tiġi appoġġata permezz tal-parteċipazzjoni tal-Irlanda fin-netwerk tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej (EDIHs), fil-kuntest ta' proġett multinazzjonali. L-appoġġ għall-istabbiliment ta' erba' EDIHs u l-ħolqien ta' raggruppamenti ankrati mill-EDIHs huwa mistenni li jkun faċilitatur importanti tal-kollaborazzjoni transfruntiera li huwa mistenni wkoll li jsaħħaħ il-ktajjen tal-valur.

Il-proċess ta' konsultazzjoni

- (58) Konsultazzjoni pubblika ppermettiet lill-partijiet interessati jagħmlu sottomissjonijiet dwar liema investimenti u riformi jenħtieġ li jingħataw prijorità, u jindikaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li huma qiesu l-aktar rilevanti. Il-gvern irċieva aktar minn 110 sottomissjoni bil-miktub tal-partijiet ikkonċernati, inkluż mingħand rappreżentanti reġjonali, partiti politiċi, assoċjazzjonijiet tan-negozju, trade unions, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, organizzazzjonijiet ambjentali, akkademiċi, u partijiet ikkonċernati oħra tas-soċjetà ċivili, u membri tal-pubbliku. Is-sottomissjonijiet ġew imqassra u kondiviżi mad-dipartimenti rilevanti tal-gvern bħala parti mill-iżvilupp tal-pjan.
- (59) Fl-istadju tal-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fil-pjan, il-gvern beħsiebu jkompli l-involviment u l-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha kkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fil-pjan.

Valutazzjoni pożittiva

- (60) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Irlanda bis-sejba li l-pjan jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, skont l-Artikolu 20(2) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-pjan fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (61) Il-kost totali stmat tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Irlanda huwa ta' EUR 989 938 300. Peress li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa oġhla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Irlanda, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Irlanda jenħtieġ li tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Irlanda.
- (62) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Irlanda jrid jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Bħala tali, skont l-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, issa jenħtieġ li jkun disponibbli ammont għall-Irlanda għal impenjar legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Fejn meħtieġ wara l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jemenda din id-Deċiżjoni biex jinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata mingħajr dewmien żejjed.
- (63) L-appoġġ li għandu jingħata għandu jiġi ffinanzjat mill-għoti b'self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni abbażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053⁸. L-appoġġ jenħtieġ li jitħallas f'pagamenti parzjali ladarba l-Irlanda tkun issodisfat b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
- (64) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura relatata mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni taħt kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni għajr ir-Regolament (UE) 2021/241 jew għal proċeduri relatati mad-distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Ma tiħux preċedenza fuq ir-rekwiżit għall-Istati Membri li jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Irlanda abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta'

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tas-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

investiment skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twertiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tipprovdi aċċess sħiħ għad-*data* sottostanti rilevanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Irlanda kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 988 966 534⁹. Ammont ta' EUR 914 368 618 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Soġġett għall-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 li jikkalkula ammont għall-Irlanda daqs jew aktar minn dan l-ammont, ammont ieħor ta' EUR 74 597 916 għandu jkun disponibbli biex ikun legalment impenjat mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lill-Irlanda fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Il-pagamenti parzjali jistgħu jiġu żborżati mill-Kummissjoni f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Ir-rilaxx ta' pagamenti parzjali skont il-Ftehim ta' Finanzjament għandu jkun kondizzjonali fuq il-finanzjament disponibbli u fuq deċiżjoni tal-Kummissjoni, meħuda skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Irlanda tkun issodisfat b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1, biex ikunu eliġibbli għal pagament, l-istadji importanti u l-miri għandhom jitlestew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Irlanda tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.